**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 196/2010**

**Illum: 13 ta' Novembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Aaron Axisa**
**(ID 461582(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Aaron Axisa ta' 26 sena, iben Carmelo u Marianna nee` Bartolo, imwieled Pieta`, nhar id-19 ta' Awwissu 1982, residenti Nru. 20, Flat 2, Triq Ras il-Gebel, Xghajra u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 461582(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Lulju 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat talli huwa recidiv b'diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi kollha mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-27 ta' Lulju 2009, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga kienu qeghdin josservaw lill-imputat odjern meta ghall-habta tas-1.30 p.m. wara li rawh jaghmel kuntatt ma' vettura, marru fuqu, f'liema waqt, huwa telaq jigri u gie sussegwentement imwaqqaf ftit 'il boghod mir-residenza tieghu. Tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu rrizultat fin-negattiv. Minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu, gew elevati zewg kontenituri, wiehed minnhom kontenenti sitt iqratas li kien fihom sustanza suspettata droga u iehor kontenenti tliet iqratas b'sustanza suspettata droga. Instabet ukoll siringa mimlija u affarijiet ohrajn relatati mad-droga, fosthom kuccarina u *foil* mahruq. Gew elevati ukoll *mobile phone* li nstab fil-pussess tal-imputat u flus li kienu

jinsabu fil-kartiera tieghu, fis-somma ta' disghin Euro (€90). L-imputat gie arrestat u mehud fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghall-investigazzjoni ulterjuri.[1]

Illi mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud[2] jirrizulta illi l-istess espert inghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi:

1. Borza tal-plastik trasparenti li kien fiha *label* bajda bil-kliem 'Data 27/7/09, Hin 2 p.m., Elevat/i minn fuq is-sodda tal-appartament ta' Aaron Axisa, fil-presenza ta' Aaron Axisa, minn PS 1220, PC 1319'. F'din il-borza kien hemm lakstu ta' lewn ahdar car u vazett zghir tal-hgieg b'ghatu ta' lewn ahmar u abjad, li fih kien hemm trab ta' lewn abjad. F'din il-borza kien hemm ukoll flixkun tal-plastik trasparenti, b'tapp tal-plastik ta' lewn orangjo, li fih kien hemm siringa tal-01 ml li fiha kien hemm likwidu ta' lewn kannella. Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 094/11/01;

2. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 27/7/09, Hin 2 p.m., Elevat/i minn gol-gwardarobba tal-appartament ta' Aaron Axisa, fil-presenza ta' Aaron Axisa, minn PS 1220, PC 1319'. F'din il-borza kien hemm zewg bicciet ta' *foil* b'wahda minn dawn li kienet mitwija. Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 094/11/02;

3. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 27/7/09, Hin 2 p.m., Elevat/i minn fuq il-mejda tal-kamra tal-appartament ta' Aaron Axisa, fil-presenza ta' Aaron Axisa, minn PS 1220, PC 1319'. F'din il-borza kien hemm kuccarina tal-metall li kienet imgemda mill-qiegh b'ticpis kannella fiha u bicca karta, kaxxa tal-plastik ta' lewn celesti li fiha kien hemm sitt boroz zghar bi trab ta' lewn kannella fihom u kontenitur tal-plastik ta' lewn abjad tad-*Dove Original*, li fih kien hemm bicca *tissue paper* ta' lewn abjad u tliet boroz zghar tal-plastik bi trab kannella fihom. Dan id-dokument inghata l-kodici tal-laboratorju 094/11/03.

Fir-rigward ta' dawn id-dokument, l-espert ikkonkluda illi:

a) Ma nstabux sustanzi illegali fuq bicca *foil* li kien hemm fid-dokument 094/11/02;

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino, a fol. 26 tal-process; ix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, a fol. 31 *et seq* tal-process u l-ircevuta esebita minnu a fol. 33 tal-process; ix-xhieda ta' PC 777 Chris Ebejer, a fol. 36 *et seq* tal-process u x-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar, a fol. 39 *et seq* tal-process.
[2] Din tinsab esebita a fol. 51 tal-process.

b) It-trab ta' lewn abjad li kien hemm go vazett tal-hgieg fid-dokument 094/11/01 instab li kien *citric acid*. Ghalkemm din is-sustanza m'hijiex ikkontrollata mil-ligi, din tista' tigi wzata fit-tehid tad-droga herojina u dan sabiex is-sustanza herojina tkun tista' tigi mahlulha qabel din tigi njettata;

c) Instabu tracci tas-sustanza herojina fuq bicca *foil* li kienet mitwija (fid-dokument 094/11/02), il-kuccarina tal-metall u l-bicca karta li kien hemm fid-dokument 094/11/03;

d) Fil-likwidu ta' lewn kannella li kien hemm fis-sirigina, f'ammont ta' 01ml, fid-dokument 094/11/01 instabet is-sustanza Herojina;

e) Fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-disa' boroz zghar tal-plastik trasparenti (fid-dokument 094/11/03), f'ammont nett totali ta' 2.91 grammi, instabet is-sustanza herojina. Il-purita` medja tat-trab ta' lewn kannella ghas-sustanza herojina kienet ta' cirka 27.3%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond l-istess relazzjoni, il-piz rispettiv tat-trab fid-disa' boroz li kienu jinsabu fid-dokument 094/11/03 kien is-segwenti: 1.29 grammi, 0.54 grammi, 0.18 grammi, 0.20 grammi, 0.18 grammi, 0.10 grammi, 0.20 grammi, 0.11 grammi u 0.11 grammi.

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

L-imputat qed jigi akkuzat fl-ewwel lok bil-pussess aggravat tad-droga eroina u dan b'referenza ghas-27 ta' Lulju 2009 u x-xhur ta' qabel din id-data.

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia*

*cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi fis-27 ta' Lulju 2009, l-imputat instab fil-pussess ta' disa' boroz li kien fihom trab kannella u skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi dan it-trab kien jikkontjeni droga eroina. Id-difiza tikkontendi illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Fi kliem iehor, dak li qeghda tikkontesta d-difiza huwa l-pussess aggravat tal-istess droga.

Issa fil-fehma tal-Qorti f'dan il-kaz, li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga eroina jirrizulta car, kemm mill-istqarrija rilaxxjata minnu u mix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, kif ukoll mill-oggetti li nstabu fir-residenza tieghu, illi effettivament jindikaw illi l-imputat kellu dan il-vizzju. Fil-fatt, mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud u specifikatament mit-*tags* tal-esebiti, jirrizulta illi numru ta' oggetti relatati mal-abbuz tad-droga eroina ossia *citric acid* u anke siringa b'likwidu kannella li fih instabet l-eroina gew elevati proprju mill-kamra tas-sodda tal-appartament tal-imputat u dan apparti li nstabu wkoll *foil* u kuccarina bit-tracci tal-eroina. Dan kollu juri illi l-imputat stess kien jaghmel uzu mid-droga eroina fiz-zmien mertu tal-kaz. Biss li l-imputat stess kien jaghmel uzu mid-droga eroina – anke jekk huwa kellu vizzju qawwi tad-droga eroina fiz-zmien in kwistjoni - ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali u esklussiv tieghu.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-28 ta' Lulju 2009[3] ossia l-ghada li gie arrestat, wara li nghata s-solita twissija vigenti dak iz-zmien illi ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova, l-imputat qal illi huwa ma jahdimx u kkonferma li l-oggetti misjuba fir-residenza tieghu u cioe` id-disat iqratas bi trab kannella, is-siringa bil-likwidu kannella u *foil* u kuccarina mahruqin, kienu tieghu. Huwa kkonferma wkoll illi t-trab in kwistjoni kien droga eroina u qal illi kien ilu bil-vizzju tad-droga mis-sena 1999. Qal illi fil-pussess tieghu, huwa kellu xi zewg grammi eroina u mistoqsi kemm jikkonsma droga eroina kuljum, huwa wiegeb illi "*jekk ikolli bejn tnejn sa tliet grammi*". Qal illi huwa jixtri bil-prezz ta' €50 il-gramma, li huwa jiehu €100 *relief* fil-gimgha u li jhallas €99 fix-xahar bhala kera tal-appartament fejn joqghod. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa jikkonsma tal-inqas gramma eroina kuljum, huwa wiegeb "*Iktar iva milli le imma kien hemm okkazzjonijiet fejn lanqas ghal gramma kuljum ma kelli flus*". L-imputat cahad li jbiegh l-eroina biex imantni l-vizzju tieghu u spjega illi l-eroina kienet maqsuma f'zewg kontenituri differenti ghaliex id-droga kienet ta' kwalita` differenti u dan fis-sens illi skond hu, l-eroina fil-pakketti z-zghar kienet ahjar mill-eroina fil-kantunieri fil-flixkun tad-*deodorant* u dan kien jafu, ghaliex kien ha minnha. Meta mistoqsi dwar kif kien ilahhaq mal-vizzju tad-droga, apparti spejjez bzonnjuzi bhal ikel u lbies, meta f'gimgha kien jippercepixxi €100 u kif instabet fuqu s-somma ta' €90 jekk mhux ghaliex huwa jbiegh l-eroina biex imantni l-vizzju tieghu, l-imputat wiegeb illi "*daqqa ttini xi haga ommi jew iz-zijiet*". B'referenza ghal xi messaggi li nstabu fuq il-*mobile* tieghu u b'mod partikolari dwar messagg tat-8 ta' Lulju 2009 fejn certu Kajkaj bghatlu messagg fejn jistaqsi jekk jistax jigi ghal tnejn u mistoqsi x'kien ifisser dan il-messagg, l-imputat jghid illi "*Kelli kaz qabel w baqaw jahsbu li ghadni qed inbiegh*". Mistoqsi allura jekk Luke u iehor jghidulu z-Zjoga, bhal Kajkaj, ghadhomx jahsbu li huwa jbiegh id-droga, huwa wiegeb "*Mhux hekk hu*". L-imputat qal ukoll illi huwa hareg mill-habs fuq kaz iehor li kellu dwar droga, fis-sena ta' qabel, li ghamel sentejn u xahrejn habs u li liz-Zjoga, Luke u l-Kajkaj kien ilu jafhom hafna.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[4], l-imputat jghid illi fid-dar kellu xi erba' boroz differenti, li kien hawn zmien ma kienx hawn droga tajba u li huwa kien xtara minn diversi bnadi biex jara liema kienet l-ahjar biex jibda jixtri minnha. Jghid li huwa kien *heavy user* dak iz-zmien, li d-droga kienet ghalih u li huwa ma kellux intenzjoni li jittraffika d-droga, kif jirrizulta wkoll mill-ammont li nstab. In kontro-ezami, l-imputat jghid illi dak iz-zmien ma kienx jahdem, li ma kienx

---

[3] Din tinsab esebita a fol. 24 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 83 *et seq* tal-process.

ihallas wisq kera ghaliex il-fond kien jikkonsisti f'kamra zghira, li fiz-zmien in kwistjoni kellu zewgt itfal, izda ma kienx ihallas manteniment ghalihom ghaliex ommhom bil-ghaqal, kienu jghinu tal-familja wkoll u li kien ghad kellu lil ommu. Qal illi d-droga nstabet f'kontenituri differenti ghaliex kienu differenti u li per ezempju kien jixtri nofs minn banda u nofs minn banda ohra. Jidhirlu li b'kollox kien hemm xi tliet grammi. Jikkonferma li kellu vizzju qawwi tad-droga u l-flus li kien ikollu kien jonfoqhom fid-droga. Huwa jghid illi "*Jekk illum ghandi 100 Euro nonfoq 100 Euro u gieli giet gurnata li jkolli 10 Euro u rrid mmur ghand ommi u nara minn fejn ha ngib*"[5] u kkonferma li d-droga li kien ikollu, kien jehodha. Id-droga li nstabet fuqu ma tantx kienet ilha ghandu ossia jiem. Mistoqsi allura kif la darba kellu vizzju qawwi hafna u jkollu kemm ikollu droga kien jehodha, din id-droga kienet ilha ghandu ghal xi jiem, huwa wiegeb li dak kien zmien hazin, droga tajba ma kienx hemm u li meta d-droga tkun hazina, inutli tibqa' tiehu. Mistoqsi kif kien ikampa fuq livell finanzjarju la darba ma kienx jahdem, ried ihallas il-kera, kellu *relief* baxx u kellu vizzju qawwi ta' droga, huwa wiegeb "*relief*". Cahad li dak iz-zmien kien ibiegh id-droga, ghalkemm qabel kien ibiegh u dwar dan diga` gie mressaq. Ma jidhirlux li dak iz-zmien kellu hbieb. Meta gie ssuggerit lilu illi gie osservat mill-pulizija ikellem diversi persuni u anke dawn jidhlu ghandu, huwa wiegeb illi peress illi qabel kellu sentenza dwar dan, "*in-nies jibqghu jahsbu li inti ghadek hekk u allura jigu biex jakkwistaw id-droga meta fil-fatt lanqas ikolli biex niehu jien ghalija*".[6] Jghid illi l-bicca l-kbira tad-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet hazina u mistoqsi allura ghaliex zammha, huwa wiegeb "*mhux xorta tehodha*".[7] Mistoqsi min qasam id-droga f'pakketti, l-imputat wiegeb li dawn mhux pakketti. Skond hu "*Dawn ezempju kienu gramma, nghid ha nipprova ta' dan … u nipprova u ntella' u jekk tkun tajba, imma l-bicca l-kbira kienet tkun hazina*".[8] Qal illi huwa kien jixtri minghand diversi persuni u mhux minghand persuna wahda. Mistoqsi kif kien maqsumin kwazi l-istess, huwa qal illi "*tiehu tant u jien naf li jifdal hux, ma niftakarx*".[9] Mistoqsi kienx kapaci jiehu l-ammont li nstablu f'jum wiehed, l-imputat wiegeb "*jista' jkun, ma kontx niehu daqshekk*". Qal li ma jafx dak iz-zmien kienx jiehu *methadone*, imma li la darba kien hawn droga hazina, jahseb li kien jiehu. Jichad li dak iz-zmien kien ibiegh l-eroina biex izomm il-vizzju tieghu u qal li kien jipprova jmur ghall-ghajnuna "*minn barra*" fis-sens illi mhux gewwa programm residenzjali.

---

[5] A fol. 88.
[6] A fol. 89.
[7] A fol. 90.
[8] A fol. 90.
[9] A fol. 90.

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok il-mod kif kienet maqsuma d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ossia fil-waqt illi zewg boroz kellhom piz differenti ta' 1.29 grammi u 0.54 grammi rispettivament, mill-bqija kienu simili hafna fil-piz. Fil-fatt tnejn kellhom piz ta' 0.18 grammi il-wiehed, tnejn kellhom piz ta' 0.20 grammi il-wiehed, tnejn ohra kellhom piz ta' 0.11 grammi il-wiehed u wiehed kellu piz ta' 0.10 grammi. Fil-fehma tal-Qorti huwa tassew inverosimili dak li jghid l-imputat ossia illi huwa kien jixtri d-droga minn bnadi differenti sabiex isib droga tajba meta dawn is-seba' boroz b'mod partikolari kellhom pizijiet daqstanti simili. Mhux biss, izda lanqas huwa verosimili dak li jghid l-istess imputat fix-xhieda tieghu fis-sens illi dawn ma kinux maqsumin f'pakketti, izda li hu kien jixtri per ezempju gramma u mbaghad jipprova minnhom jew kif jghid ukoll illi huwa kien jiehu minnhom u li dan kien il-fdal ghaliex kif inghad, il-pizijiet tant huma simili li m'huwiex attendibbli li l-imputat kien jixtrihom hekk imma b'piz ikbar, joqghod iduq minnhom u mbaghad jispiccaw b'piz tant preciz u identiku jew simili ghall-ahhar. Anke li kieku huwa minnu dak li jghid l-imputat illi d-droga fiz-zewg kontenituri kienet tirrapprezenta droga ta' kwalita` differenti, xorta dan ma jiggustifikax il-mod kif kienet maqsuma d-droga. Huwa ben risaput illi d-droga tinbiegh fi qratas jew f'pakketti jew boroz zghar u ghalhekk il-Qorti tqis dan il-fattur bhala wiehed ferm sinjifikanti.

Fit-tieni lok, imbaghad, il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat ma kienx jahdem fiz-zmien in ezami, izda kien jippercepixxi beneficcji socjali fis-somma ta' €100 f'gimgha. Fl-istqarrija tieghu, mistoqsi kemm kien jikkonsma droga eroina kuljum, huwa jghid li jekk ikollu, jiehu bejn tnejn u tliet grammi, ghalkemm fix-xhieda tieghu, imbaghad jghid b'referenza ghat-tliet grammi li nstabu fil-pussess tieghu, illi f'jum ma kienx jiehu daqshekk. Fl-istqarrija qal ukoll illi izjed iva milli le, kien jiehu gramma eroina kuljum, ghalkemm kien hemm okkazzjonijiet fejn lanqas kellu flus biex jikkonsma dan l-ammont. Jghid ukoll fix-xhieda tieghu illi kemm kien ikollu flus, kien jonfoqhom fid-droga. Jekk il-Qorti tikkunsidra illi l-imputat kien jiehu gramma eroina kuljum li, skond hu, kien jixtriha bil-prezz ta' €50, dan ifisser illi ghad-droga biss, l-imputat kellu bzonn €350 f'gimgha jew madwar €1,500 f'xahar. Apparti dan, kien jehtieglu jhallas il-kera tal-appartament fejn kien jirrisjedi fis-somma ta' €99 u ried jiekol u jghix. Dan kollu meta fil-gimgha huwa kien jippercepixxi biss is-somma ta' €100 jew madwar €400 f'xahar.

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex imantni l-vizzju tieghu. L-imputat ma seta' qatt isostni l-vizzju tad-droga minghajr ebda introjtu iehor, ghajr ghall-introjtu li kellu mill-beneficcji socjali. Dwar dak li l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu meta mistoqsi kif kien ghad fadallu €90 jekk mhux ghaliex kien ibiegh id-droga biex imantni l-vizzju

tieghu ossia li gieli kienu jaghtuh xi haga tal-flus ommu u z-zijiet, l-imputat ma ressaq l-ebda prova dwar dan, imqar sal-grad tal-probabbli. Ghalkemm l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn, biss min jallega jrid jipprova u fil-waqt illi l-prova li ghandha ggib il-prosekuzzjoni trid tkun lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, l-imputat irid jipprova dak li jallega sal-grad tal-probabbli. Madankollu, lanqas din il-prova ma ngabet.

Fit-tielet lok, il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-messaggi li nstabu fuq il-*mobile* misjub fil-pussess tal-imputat. Li dan il-*mobile* kien effettivament jaghmel uzu minnu l-imputat jirrizulta fl-ewwel lok kemm mill-istqarrija tieghu, li fiha l-imputat ma jinnegax li dan kien il-*mobile* tieghu, izda anzi jipprova jaghti spjegazzjoni dwar xi messaggi li nstabu fuqu u fit-tieni lok, min-numru ta' messaggi li nstabu fih u li jirreferu ghal 'aron' jew 'Aaron', meta dan tal-ahhar huwa proprju isem l-imputat. Mir-relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada[10], jirrizulta s-segwenti messagg fl-*In Box* ta' dan il-*mobile* min-numru 79316085 (li mill-*Phone Book Contents* jidher illi huwa n-numru ta' certu Zjoga), liema messagg ntbaghat fis-7 ta' Lulju 2009 fl-22:30:13 – "*Tirangali wihed ta 15 ha dejqek nahseb*".[11] Messagg iehor ukoll fl-*In Box*, din id-darba min-numru 99524645 (li mill-*Phone Book Contents* jidher illi huwa n-numru ta' certu Kakaj) u li jgib id-data tat-8 ta' Lulju 2009 f'00:57:35 jghid hekk – "*Aaron adek imqajem siehbi? nista nigi al 2 jew tard?*"[12] u mill-istess numru dahal messagg iehor ftit tal-hin wara ossia fis-01:24:09 li jghid hekk – "*Aaron aw qied quddiemek*".[13] Fis-27 ta' Lulju 2009 fil-23:52:52, meta l-imputat allura diga` kien gie arrestat, ircieva dan il-messagg mill-istess numru 99524645 – "*Aaron nigi al 1*".[14] Meta mistoqsi dwar il-messagg tal-Kakaj tat-8 ta' Lulju 2009, fl-istqarrija tieghu, l-imputat ma jinnegax li dan il-messagg jirreferi proprju ghal droga, izda jipprova jiggustifikah billi jghid illi kemm iz-Zjoga, kif ukoll il-Kakaj kienu ghadhom jahsbu li huwa jbiegh id-droga ghaliex qabel kellu kaz iehor. Dan jghidu wkoll fix-xhieda tieghu fis-sens illi n-nies baqghu jahsbu illi huwa kien ghadu jbiegh u allura kienu jmorru biex jakkwistaw id-droga, ghalkemm skond hu, dan ma kienx jaghmlu ghaliex lanqas kien ikollu droga ghalih. Biss dwar dan il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi liz-Zjoga u lil Kakaj kien ilu jafhom hafna. Hawn qed nitkellmu ghalhekk fuq terzi persuni li kienu jafu lill-imputat ghal perjodu ta' zmien u jekk, kif jghid hu fl-istqarrija tieghu, kien ilu li hareg mill-habs mis-sena ta' qabel, meta l-messaggi in kwistjoni gew mibghuta lilu f'Lulju 2009,

[10] Din tinsab esebita a fol. 58 *et seq* tal-process.
[11] A fol. 68 tal-process.
[12] A fol. 68 tal-process.
[13] A fol. 68 tal-process.
[14] A fol. 71 tal-process.

kienu ghaddew xhur u mhux jiem, li fihom skond l-imputat allura, dawn it-terzi persuni baqghu taht l-impressjoni zbaljata li huwa kien ibiegh id-droga. Jidher madankollu mill-messaggi li din l-impressjoni ma kienet zbaljata xejn, ghaliex il-Kakaj mhux talli bghatlu messagg fejn talbu '2', talli ftit inqas minn nofs siegha wara l-istess Kakaj bghatlu messagg iehor biex jghidlu li kien qieghed quddiemu (quddiem l-imputat) u fl-istess xahar il-Kakaj rega' bghatlu messagg iehor biex jghidlu li kien ser imur ghal '1'. Li kieku l-imputat ma kienx ghadu jbiegh l-eroina u dan il-Kakaj, bhal ohrajn, kellu l-impressjoni hazina li l-imputat ibiegh id-droga, ma kienx ser jibqa' jibghat messaggi f'dan is-sens ossia sabiex jakkwista d-droga minghand l-imputat. In oltre jirrizulta car illi mhux persuna wahda, izda tnejn baghtu messaggi lill-imputat f'dan is-sens. Dan apparti messagg iehor li wkoll jirrizulta fl-*In Box* tal-istess *mobile* datat 27 ta' Lulju 2009 u li jgib il-hin tat-14:47:04 min-numru 99178434 (li mill-*Phone Book Contents* jirrizulta illi huwa ta' certu Luke) u li fih jinghad hekk – "*Inti matridx il xihad joqod mijak ux unaqsmu lispejes? Isma trid itini ftit cds unbihomlok aw irahal? Ax tajdx kem et titlef xol minaw, xtahseb?*".[15] Ghalkemm l-imputat jghid illi ma kienx jaf b'dan il-messagg stante illi huwa diga` kien jinsab arrestat meta rcevih, biss anke dwar Luke, l-imputat jikkonferma fl-istqarrija tieghu, illi bhaz-Zjoga u l-Kakaj, dan kien ghadu jahseb illi huwa jbiegh id-droga u li lil dan kien ilu jafu hafna.

Dawn ic-cirkostanzi ossia il-mod kif kienu maqsumin il-pakketti bl-eroina li nstabu fil-pussess tal-imputat, il-fatt illi l-imputat kellu vizzju tad-droga tali li certament ma setax isostnih biss mill-beneficcji socjali li kien jippercepixxi u l-messaggi misjuba fil-*mobile* li nstab fil-pussess tal-imputat iwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' zewg sentenzi, wahda moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani fis-17 ta' Mejju 2007, fl-ismijiet 'Pulizija vs Aaron Axisa', permezz ta' liema sentenza l-imputat f'dak il-kaz gie kkundannat ghal hmistax-il jum prigunerija.[16] Is-sentenza l-ohra esebita mill-Prosekuzzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Aaron Axisa' inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif

[15] A fol. 71 tal-process.
[16] Ara s-sentenza esebita a fol. 18 tal-process.

preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano fil-11 ta' Jannar 2008, permezz ta' liema l-imputat f'dak il-kaz kien gie kkundannat ghal piena ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija effettiva u multa ta' elf, tmien mija, tlieta u sittin Euro u hamsin centezmu (€1,863.50). Jirrizulta minn dawn iz-zewg sentenzi illi l-karta tal-identita` tal-imputat f'dawk il-kazijiet huwa l-istess bhal dak tal-imputat odjern u dan apparti illi l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu[17] ikkonferma illi l-imputat f'dawk is-sentenzi huwa l-imputat odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke dan l-addebitu gie ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi u li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tikkunsidra fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern, liema fedina penali kienet tinkludi sejbien ta' htija dwar serq semplici u serq aggravat, pussess semplici ta' droga eroina, raza tal-*cannabis* u reati taht il-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta (dwar liema l-imputat tqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal tliet snin), pussess semplici ta' droga eroina u ksur ta' Ordni ta' *Probation* (dwar liema huwa gie kkundannat ghal piena ta' multa u nghata liberazzjoni kundizzjonata), pussess semplici ta' droga eroina (dwar liema gie kkundannat ghal piena ta' multa), ksur tal-kundizzjonijiet dwar il-helsien mill-arrest billi l-imputat ma kompliex il-programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, traffikar u pussess aggravat tad-droga eroina (dwar liema huwa gie kkundannat ghal piena ta' sitta u ghoxrin xahar prigunerija effettiva u multa) u ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest (dwar liema gie kkundannat hmistax-il xahar prigunerija effettiva).

Ikkunsidrat ghalhekk illi dan ma kienx l-ewwel kaz li fih l-imputat instab hati ta' pussess aggravat tad-droga eroina. Anzi jirrizulta li matul is-sena ta' qabel ossia f'Jannar tas-sena 2008, l-imputat gie kkundannat ghal sitta u ghoxrin xahar prigunerija u multa proprju in konnessjoni ma' traffikar u pussess aggravat ta' droga eroina.

Qieset ukoll li f'dan il-kaz il-piz tat-trab in kwistjoni kien jammonta ghal 2.91 grammi u li d-droga kienet maqsuma f'disa' pakketti, b'sebgha minnhom b'pizijiet tassew simili.

**Konkluzjoni**

[17] A fol. 13 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-L.S. 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghall-piena ta’ tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva u multa ta’ disa’ mitt Euro (€900) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jistghu jithallsu mill-hati b’rati mensili u konsekuttivi ta’ tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta’ din is-sentenza. B’dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez rigwardanti l-esperti mahtura f’dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija, sebgha u disghin Euro u hdax-il centezmu (€497.11) u dawk konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada ammontanti ghas-somma ta’ tliet mija, erbgha u tmenin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€384.48), b’kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta’ tmien mija, wiehed u tmenin Euro u disgha u hamsin centezmu (€881.59). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum, b’dan illi fin-nuqqas, dan l-ammont jew kwalsiasi bilanc li jibqa’ dovut, jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga esebiti bhala Dokumenti DT4 u DT5 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile* esebit bhala Dok. DT6 u tas-somma ta’ disghin Euro (€90) esebita bhala Dok. DT 7 favur il-Gvern ta’ Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat